# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 444/2019 JVC**

**Snejana Petersen Montebello**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Snejana Petersen Montebello kkonfermat bil-gurament u talbet (wara li l-Qorti awtorizzat korrezzjoni fl-istess) kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Snejana Petersen Montebello, maghrufa bhala Jana Petersen Montebello, twieldet nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin

(1998) u giet registrata fir-Registru Pubbliku bl-isem ta' "Snejana". Dan jidher kemm mill-vera kopja ta' Registrazzjoni fir-Registru tal-Persuni Adottati mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku hawn annessa u mmarkata **Dok A1,** kif ukoll mill-estratt veru mill-Att tat-twelid tieghu mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku hawn anness u mmarkat **Dok A2;**

2. Illi minkejja l-isem originarjament maghzul ghall-esponent, l-istess rikorrenti dejjem giet imsejha u hija maghrufa bl-isem ta' 'Jana'. Dan kollu jirrizulta ampjament car mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati **Dok B** li juri *card* tal-bank appartenenti lill-istess rikorrenti; **Dok C** li juri xoghol tal-iskola sottomess mir-rikorrenti, **Dok D** li juri *assignment* li r-rikorrenti ssottomettiet bhala parti mill-istudji taghha; **Dok E** li juri dokument ta' sptar privat li zaret l-istess rikorrenti. Dan huwa filfatt l-isem li jidher fil-karta tal-identita' tal-istess rikorrenti, kif jirrizulta mill-vera kopja tal-istess karta tal-identita' hawn annessa u mmarkata **Dok F**, kif ukoll fil-*Final Settlement System (FSS) Payee Statement of Earnings* kif aktar maghrufa bhala FS3 li kopja taghha hija annessa u mmarkata **Dok G.** Huwa ukoll l-isem li rikorrenti trid ghalija kif jidher car mill-profil taghha tas-sit tal-*Facebook* hawn anness u mmarkat **Dok H;**

3. Illi anke l-familjari u l-hbieb tal-istess rikorrenti dejjem sejhu lill-istess bl-isem ta "Jana" kif jidher car mill-kartolina annessa u mmarkata bhala **Dok I** u kif anke se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza permezz tax-xhieda ta' whud mill-aktar nies qrib tar-rikorrenti;

4. Illi l-isem kif jidher originarjament fic-certifikat tat-twelid u cjoe' "Snejana" huwa ta' origini Bulgaru mentri l-isem li bih ir-rikorrenti hija maghrufa huwa verzjoni tal-istess isem tradotta ghal lingwa Ewropea ohra tal-istess isem. Ghaldaqstant il-*proviso (2A)* ghall-Artiklu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika ghall-kaz odjern liema *proviso* jghid kif gej:

   (2A) Meta, fic-cirkostanzi msemmija fid-dipozizzjonijiet tas-subartikolu (2) l-isem jew ismijiet li l-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha ma jkunux proprjament isem jew ismijiet differenti izda verzjoni tradotta f'lingwa Ewropea ohra tal-istess isem jew ismijiet li jkunu registrati fl-att tat-twelid, u l-uzu ta' dak l-isem jew ismijet tradotti jkun jirrizulta jew minn att tal-istat civili iehor ta' dik il-persuna jew minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew passaport Malti li jkun mahrug lilu qabel il-31 ta' Dicembru 2011, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, fuq talba bil-miktub li trid tkun sostnuta b'dikjarazzjoni mahlufa maghmlua mill-persuna kkoncernata, jista' wara li huwa jkun sodisfatt bil-korrettezza, u bil-veracita' ta' dik it-talba u d-dikjarazzjoni mahlufa, jipprocedi billi jdahhal annotazzjoni li tirrifletti dak il-bdil tal-isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili li jkunu jmissu lil dik il-persuna.

5. Illi nonostante s-suespost u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba fir-rikors odjern qieghda titressaq ai termini tal-Artikolu 253(2) stante illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza r-rikorrenti familja taghha ilhom ghal maggor parti ta' hajjet ir-rikorrenti juzaw l-isem ta' 'Jana' minflok 'Snejana' b'mod konsistenti.

6. Illi tali inkonsistenza qieghda tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti, u ghalhekk hija ghandha interess skond il-ligi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir d-debita annotazzjoni fl-Att tat-Twelid taghha kif ukoll fl-Atti l-ohra kollha tal-hajja civili tal-esponenti.

Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment titolb li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna, qabel is-smigh tal-kawza, illi jigi ppublikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;.

2. Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni sitta zero sitta wiehed tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin (6061/1998), fis-sens illi l-isem ir-rikorrenti 'Snejana' jinbidel ghal dak ta' "Jana", u dan peress illi l-istess rikorrenti minn dejjem kienet hekk imsejha u maghrufa;

3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem 'Snejana' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' 'Jana';

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili tar-rikorrenti koncernata.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni li timponi fic-cirkostanzi.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi l-kawza odjerna qieghda tigi ppernjata fuq l-Artikolu 253(2A) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk l-attrici qieghda tissottometti illi l-isem li hija tuza fil-hajja ta' kuljum, cioe' '*Jana*' huwa sempliciment verzjoni tal-isem '*Snejana*', izda tradott f'lingwa Ewropea ohra;

2. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi sabiex Artikolu 253(2A) ikun jista' japplika, il-persuna li tutilizzah ghandha l-obbligu li tissodisfa numru ta' rekwiziti. Dawn ir-rekwiziti huma: (i) Prova li l-isem uzat huwa verzjoni tal-isem imnizzel fl-Att tat-Twelid, izda tradott f'lingwa Ewropea ohra, u, (ii) L-isem uzat irid jirrizulta minn Att tal-Istat Civili ohra, dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew passaport Malti li jkun mahrug qabel il-31 ta' Dicembru 2011;

3. Illi fil-kawza odjerna, l-attrici tallega illi l-isem ta' '*Snejana*' huwa ta' origini Bulgaru, filwaqt li l-isem ta' '*Jana*' li bih hija maghrufa huwa verzjoni tal-istess izda tradott f'lingwa Ewropea ohra. Gialadraba hija proprju l-attrici li qieghda tallega dan, jinkombi fuqha li tipprova dan ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u dan partikolarment in vista tal-fatt li a *prima facie* l-isem ta' '*Jana*' jidher li huwa verzjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem '*Snejana*';

4. Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi l-proviso tal-Artikolu 253(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula espressament illi *"t-talba gudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'ghandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha jkunu biss verzjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv"* (sottolinejar tal-esponent) mill-esponenti). In lineja ma' dan, l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Rudolph maghruf bhala Rudy Sollars (bil-Karta tal-Identita` Numru 74067M) vs. Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza nhar il-10 ta' Lulju 2014, fejn din l-Onorabbli Qorti kkonsidrat *"li l-proviso ghall-artikolu 253(2) huwa car fit-tifsira tieghu u jiddisponi li talba simili ghal dik odjerna mhix ammissibbli fejn l-isem li bih r-rikorrent huwa maghruf huwa biss verzjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet registrati fuq l-att tat-twelid";*

5. Illi bla hsara ghas-suespost, l-espoennt jeccepicci ukoll illi kieku ghal grazzja tal-argument l-attrici jirnexxielha tipprova illi l-isem ta' '*Jana*' huwa verzjoni tal-isem '*Snejana*' hekk tradott f'lingwa Ewropea ohra, l-attrici jkun jonqosha ukoll illi ai termini tal-Artikolu 253(2A) tal-Kodici Civili tipprova illi l-isem ta' '*Jana*' jirrizulta minn Att tal-Istat Civili iehor taghha, jew minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew passport Malti li jkun mahrug lilha sa minn qabel il-31 ta' Dicembru 2011;

6. Illi f'dan l-istadju, l-esponent jinnota illi l-attrici annettiet numru ta' dokumenti mar-rikors guramentat taghha sabiex tikkorrabora l-verzjoni taghha illi hija maghrufa bl-isem ta'

'*Jana*'. Pero' tali dokumenti ma humiex sodisfacenti sabiex l-attrici tissodisfa r-rekwizit imsemmi hawn fuq u dan stante li l-kopja tal-card tal-Bank, xoghol tal-iskola, *assignment*, dokument ta' sptar privat, kopja tal-FS3 tas-sena 2018, estratt tal-profil ta' *Facebook* u kartolina, ma jistghux jigu meqjusa bhala Atti tal-Istat Civili, dokument ta' identifikazzjoni legali validu jew passaport Malti. Nonostante dan, l-esponent jinnota illi l-attrici ezebiet ukoll kopja tal-Karta tal-Identita' taghha, fejn giet identifikata bhala *'Snejana k/a Jana'* . Madanakollu, l-esponent jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi tali dokument xorta wahda ma jissodisfax ir-rekwizit elenkat f'Artikolu 253(2A) tal-Kodici Civili stante illi gie mahrug nhar it-18 ta' April 2017, cioe' ferm wara l-31 ta' Dicembru 2011;

7. Illi in vista tas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-isem '*Jana*' huwa biss verzjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem '*Snejana*' u b'hekk it-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jigi akkolti minn din l-Onorabbli Qorti. Madankollu, f'kaz li l-attrici jirnexxielha ggib prova inekwivoka li tali isem uzat minnha huwa verzjoni ta' '*Snejana*' tradott f'lingwa Ewropeja ohra u kif ukoll Att tal-Istat Civili iehor, dokument validu jew passaport Malti mahrug qabel il-31 ta' Dicembru 2011, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

8. Illi bla hsara ghas-suespost u ghal grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti, l-esponent jissottolineja illi l-korrezzjoni *se mai* ghandha ssir fuq ic-certifikat tal-adozzjoni li jgib in-numru 2028/2013 u mhux fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 6061/1998;

9. Illi maghdud mal-premess u fir-rigward tar-raba' talba, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex f'kaz li t-talbiet jintlaqghu, tali tibdil jigi rifless f'kull Att tal-Istat Civili taghha. F'tali cirkostanza, l-esponent jitlob lil attrici sabiex tindika hi stess dawk l-Atti in kwistjoni;

10. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jissottometti illi fi kwalukwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2019;

Rat illi fl-istess seduta l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi t-talba tar-rikorrenti odjerna hija msejsa fuq zewg binarji. Fuq l-ewwel binarju r-rikorrenti tallega li l-isem 'Jana' huwa verzjoni diversa f'lingwa ohra Ewropea tal-isem 'Snejana' u ghalhekk titlob li l-versjoni tal-isem 'Jana' flok dak ta' 'Snejana' jigi registrat fl-atti

pubblici mill-intimat ai termini tal-artikolu 253 (2) (a). Fuq il-binarju l-iehor u alternattivament ir-rikorrenti titlob li ai termini tal-artikolu 253 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija tigi registrata bl-isem 'Jana' flok 'Snejana' stante li hija ilha sa minn meta kienet zghira maghrufa bl-isem ta' 'Jana' u mhux dak ta' 'Snejana'.

Illi principalment l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat jikkonsistu li l-isem 'Jana' huwa biss verzjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem registrat 'Snejana' u ghalhekk fil-kaz odjern il-ligi ma tippermettix il-bdil fl-isem u wkoll isostni li ma ngabitx il-prova li l-isem 'Jana' huwa verzjoni f'lingwa diversa tal-isem 'Snejana'.

Illi mill-provi kollha migbura partikolarment mill-affidavits tar-rikorrenti a fol. 41 u ommha a fol. 42 kif ukoll ix-xiehda ta' omm ir-rikorrenti, l-Qorti rat li l-akbar problema bl-isem originali tar-rikorrenti kienet qed tinholoq minhabba l-uzu tal-ittra 'j' f'nofs l-isem 'Snejana'. Kif spjegat l-istess rikorrenti u anki emfasizzat l-abbli difensur tal-attrici fit-trattazzjoni taghha, ghalkemm l-ismijiet Jana u Snejana bil-kitba jidhru li jinqraw l-istess, fil-fatt l-isem Snejana fil-verzjoni korretta tieghu jigi pronunzjat bl-ittra Ġ (kif moqrija bil-lingwa Maltija) u cioe 'Sneġana' izda stante l-mod li jigi miktub, ir-rikorrenti anki meta kienet zghira kienet tigi rinfaccjata b'diversi versjonijiet ta' isimha tant li tixhed li dan kien jikkawzala hafna ansjeta' u dwejjaq. Tixhed ukoll li kien ghalhekk li bdiet tuza l-isem 'Jana' moqri bl-ittra 'j' moqrija bil-Malti u mhux 'ġ'. Il-Qorti rat ukoll l-affidavits ta' shab ir-rikorrenti fejn a fol. 43 Martina Helena Galea kkonfermat l-ansjeta` u d-dwejjaq li r-rikorrenti kienet tghaddi minnhom bhala tifla minhabba t-tahwid fil-pronunzja ta' isimha filwaqt li a fol. 44 Lyon Vella

jikkonferma li shabha jafuha bl-isem ta' 'Jana' u mhux l-isem 'Snejana'.

Il-Qorti rat ukoll li fil-karta tal-identita' taghha fol. 19 tal-process huwa gia rikonoxxut li r-rikorrenti hija maghrufa bl-isem ta' Jana.

Il-Qorti tqis, li ghalkemm huwa minnu li bosta gurisprudenza, kif abilment kwotata mid-difensur tad-Direttur intimat, ma tippermettix il-bdil fl-isem meta dan ikun biss verzjoni mqassra tal-isem registrat, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-Qorti hija konvinta li l-isem 'Jana' moqri bill-'j' (ittra maltija) kif uzat mir-rikorrenti mhux verzjoni mqassra tal-isem 'Snejana' stante li gie ampjament pruvat li dan jinqara 'Sneġana' w'ghalhekk ferm divers mill-isem uzat illum mir-rikorrenti.

Illi l-Qorti izda filwaqt li tqis li t-talba tal-attrici timmerita li tigi akkolta fuq il-binajru li gie pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li r-rikorrenti ilha sa minn eta' zghira maghrufa bl-isem ta' 'Jana' u mhux l-isem originarjament moghti lilha, ma tqisx izda li l-attrici rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-isem 'Jana' uzat minnha huwa versjoni f'lingwa diversa tal-isem originali moghti lilha 'Snejana' moqri 'Sneġana'.

Il-Qorti tqis ukoll li l-eccezzjoni tad-Direttur intimat li t-talba kellha tkun sabiex jinbidel ic-certifikat tal-addozzjoni u mhux tat-twelid hija in parti korretta stante li fil-kaz partikolari u sabiex jigi evitat kull malintiz futur tqis li ghandu jigi ordnat li jigu korretti z-zewg certifikati u mhux biss ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat biss fejn dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata stante li jirrizulta mill-atti li saret id-debita pubblikazzjoni;

2. Tilqa' t-tieni talba u b'referenza ghat-tmien eccezzjoni tad-Direttur intimat tordna li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni sitta zero sitta wiehed tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin (6061/1998), fis-sens illi isem il-wild 'Snejana' jinbidel ghal dak ta' "Jana" u wkoll tordna li ssir korrezzjoni fl-Att ta' Adozzjoni tar-rikorrenti bin-numru tnejn zero tnejn tmienja tas-sena elfejn u tlettax (2028/2013) fis-sens li isem il-persuna adottata ghandu jinbidel minn 'Snejana' ghal 'Jana' u dan peress illi rrizulta lill-Qorti li r-rikorrenti sa minn eta` zghira kienet hekk imsejha u hekk hija maghrufa;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent isiru annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha" l-isem 'Snejana' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' 'Jana' u l-istess fl-Att ta' Addozzjoni tal-istess rikorrenti taht il-kolonna' Isem u kunjom tal-persuna adottata';

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili tar-rikorrenti koncernata.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi stante li r-rizultanzi tal-kaz odjern m'humiex konsegwenza ta' xi nuqqas jew agir da parti tad-Direttur intimat l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**7 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Jannar 2020**